# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu 2001**

**Numru 63**

**Citaz. numru 1452/82 DS**

Anthony Francis Willoughby
vs
Paul Pace Axiaq

Illum, 23 ta' Marzu 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Dicembru 1982 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenut kien inkarigah isewwilhu l-karrozza tieghu, inkluz xoghol ta' spray, tiswija fil-magna etc.,

Illi dan ix-xoghol inkluzi l-ispejjes gie jiswa Lm389;

Illi l-konvenut ghadu debitur fil-bilanc ta' mitt lira (Lm100);

talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitt lira (Lm100).

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Awissu 1982, bl-imghax min-notifika tal-isess kontra l-konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:
Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa m'ghandu jhallas xejn aktar tax-xoghol li sar fuq il-karrozza tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-27 ta' April 1983 li permezz tieghu gie nominat Charles Attard bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talba tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonjiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-22 ta' Novembru 1985 li permezz tieghu, wara talba tal-perit tekniku ghall-assistenza legali, gie nominat l-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia bhala perit legali;

Rat id-digriet tat-23 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg;

Rat in-nota tal-perit legali tas-16 ta' Marzu 2000 fejn irrakkommanda li jigi revokat l-inkarigu moghti lilu peress li l-ispejjez peritali kienu se jissuperaw l-ammont in kontestazzjoni li kien zghir;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Lulju 2000 fejn il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza u dan wara li kienet ezaminat il-process.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Il-fatti kif deskritti mill-kontendenti huma konfliggenti. L-attur ighid li l-konvenut kien jaf ezattament bix-xoghol li kien qieghed isir u kien jaf ukoll li l-attur kien qabbad *sprayer* u *panel beater*. L-attur elenka sensiela ta' xoghlijiet li l-konvenut talbu jaghmel fil-karrozza u xehed ukoll li f'zewg okkazjonijiet kien cempel lill-konvenut qabel ma ghamel xi tiswijiet sabiex javzah bl-ispiza. Qal li l-konvenut qatt ma ried stima tax-xoghol u huwa kien tah kont dettaljat dwar l-ispiza. Min-naha l-ohra l-konvenut xehed illi l-ftehim bejniethom kien li l-attur jisprejja l-karrozza b'xejn biex jaghmel riklam ghalih u hu jhallas biss iz-zebgha. Qal li kull ma ghamel izjed l-attur, ghamlu minn rajh. Rigward l-i*sprayer* u l-*panel beater*, il-konvenut xehed li dawn l-attur gabhom minn rajh u minn wara dahru.

Ix-xhieda prodotti mill-attur xehdu li l-konvenut kien jaf bix-xoghol li kien ghaddej fuq il-karrozza, li kien ifahhar ix-xoghol ta' l-attur u li kien

kuntent bix-xoghol. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvenut qal li hafna mix-xoghol sar zejjed bla ma talab lill-attur u li x-xoghol li sar jew kien hazin jew apprezzat hafna aktar milli fil-fatt kien jiswa.

Fid-dawl ta' dawn id-divergenzi huma ta' importanza l-ittri esebiti mill-attur (Dok. C, D u E).

Mill-provi jidher li l-kont originali ta' l-attur kien Lm389 li minnhom il-konvenut hallas Lm289 u ghalhekk it-talba attrici hija ghall-bilanc ta' Lm100. Issa fl-ittra tieghu ta' l-10 ta' April 1982 il-konvenut ilmenta ma' l-attur li kien hemm *"double entries"*. Pero` waqt il-gbir tal-provi l-konvenut ma ndikax fejn setghu kienu dawn id-*double entries* u ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Barra minn hekk ma tistax tigi skartata d-dikjarazzjoni tieghu fl-istess ittra li ghalkemm l-attur qabbad *sprayer* u *panel beater* minghajr ma nfurmah, *"I am ready to pay you till the last cent any amount you had wanted me to pay you. But please do not say that you did not charge me (Lm95 for labour)."* Jidher li l-konvenut seta' wasal ghal din il-figura ta' Lm95 fid-dawl tat-talba ta' l-attur ghal Lm120 ghal spraying, Lm60 ghal *panel beating* u Lm45 ghal *engine dismantling*, total ta' Lm225, u dak li xehed l-istess konvenut li huwa kellem lill-i*sprayer* u dan qallu li hu kien se jiehu Lm70 u l-*panel beater* kien se jiehu Lm60, total ta' Lm130, li jhalli differenza ta' Lm95. Jibqa' l-fatt izda li l-konvenut ma pproduciex lil dawn il-persuni biex jikkonfermaw dak li allegatament kien qallu l-i*sprayer*. Imbaghad fl-ittra tieghu tat-22 ta' April 1982 talab lill-attur jibghatlu *detailed account* sabiex ihallsu. Ighid: *"definitely when the accounts will be properly rendered they will be far from Lm100 yet due. I am now in a position to pay you, thanks to Joe's father"* u *"I firmly desire to settle my account at your earliest"*.

Ghalhekk, fid-dawl tad-dikjarazzjonjiet tal-konvenut fl-ittri msemmija u tal-fatt li ma ressaqx provi in sostenn ta' l-allegazzjonijiet tieghu, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' Lm100 bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu 2001**

**Numru 62**

**Citaz. numru 606/94 DS**

Joseph Cassar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J. Cassar Commercial Plant Sales Limited precedentement maghrufa bhala Joseph Cassar Auto-Parts Limited
vs
Francis Zammit

Illum, 23 ta' Marzu 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' April 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-attur nomine jinstab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm552.00) bilanc ta' prezz ta' auto-parts, lilu mibjugha w ikkunsenjati (invoices immarkati Dokument "B" w prospett immarkat Dokument "C");

talab lil din il-Qorti :

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm552.00) fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut nomine li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi f'kul kaz, l-eccipjent m'ghandu jaghti xejn lill-attur nomine.

2. Illi f'kull kaz, l-eccipjent kien jitratta mal-attur nomine f'isem is-socjeta' tal-Blat Company Limited li taghha kien direttur, u dan l-attur jafu. Ghalhekk kull pretenzjoni tal-attur nomine ghandha tkun rivolta lejn is-socjeta'.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Ottubru 194 li permezz tieghu gie nominat l-assistent gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jisma' l-provi kollha tal-partijiet;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Filwaqt li l-attur nomine jippretendi li l-konvenut ghandu jhallsu s-somma ta' Lm552 bhala bilanc ta' prezz ta' auto-parts, il-konvenut isostni li dawn huma dovuti mis-socjeta` Tal-Blat Company Limited.

Mill-invoices annessi mac-citazzjoni (Dok. B), kif ukoll mill-prospett (Dok. C) u mir-rendikont (Dok. MG) esebit mill-accountant tas-socjeta` attrici u minnu kkonfermat, jirrizulta li l-invoices numri 7001, 6551, 6539 u 5016 huma mhallsa filwaqt li l-invoices l-ohra ammontanti ghal Lm557.20 ghadhom ma thallsux.

L-attur nomine qed jattribwixxi r-responsabbilta` ghall-hlas taghhom lill-konvenut a bazi tal-fatt li kien il-konvenut stess li kien indikalhom li l-invoices ghandhom jinhargu fuqu personali. Hekk xehed l-attur: *"Konna naghmluhom kif kien ighidilna hu. L-invoices li kienu fuq il-kumpanija fil-fatt il-kumpanija hallsithom…. Kieku qalilna konna nohorguhom fuq il-kumpanija ukoll pero` la darba ma qalilniex ahna nohorguhom fuqu*

*personali."* Xehed ukoll li meta interpella lis-socjeta` Tal-Blat biex ihallsuhom din irrifjutat *"ghax qalu li tieghu personali"*.

Da parti tieghu l-konvenut jargumenta li l-attur kien jaf bil-konnessjoni tieghu ma-socjeta` Tal-Blat (fiz-zmien in kwistjoni kien Managing Director). Ighid li f'xi uhud mill-invoices, taht isem id-debitur hemm indikat l-isem "Tal-Blat" (specifikatament l-invoices numri 6551, 6539 u 5016) u dan kien jitnizzel skond min kien jinzerta bhala skrivan tas-socjeta` attrici. Xehed ukoll li kien spicca mill-kumpanija fl-ahhar ta' l-1991 u li kien sar ftehim dwar obbligi ta' hlas. Pero` huwa ma pproduciex kopja ta' dan il-ftehim.

Is-socjeta` Tal-Blat ikkontestat id-dejn in kwistjoni. John Sammut, li kien direttur ta' din il-kumpanija flimkien mal-konvenut, xehed li ma kienx jaf li l-konvenut kien jixtri xi affarijiet minghand l-attur, li lill-attur ma jafux u ma jafx li kellhom affarijiet minn tieghu u li ma jafx x'inhuma l-invoices in kwistjoni. Pero` mbaghad in kontro-ezami jghid li kontijiet zghar ta' l-attur gieli hallsu u jekk hargu cheques huwa ffirmahom ukoll. Nonostante din il-kontradizzjoni apparenti fix-xiehda tieghu, ma jirrizultax li s-socjeta` Tal-Blat kienet fil-fatt taf b'dan id-dejn.

Jean Pierre Muscat, xhud prodott mill-konvenut stess u li huwa awditur pubbliku, qal li primarjament l-informazzjoni kien jehodha minghand il-konvenut li kien jinfurmah dwar min halsu, min baqaghlu jtieh, minghand min xtara u xi spejjez ghamel. Qal ukoll li l-konvenut kien izomm diary u jaghtih r-rendikont kollu. Wara xi sena l-kotba beda jzommhom certu Camilleri Kamsky filwaqt li x-xhud baqa' bhala awditur. Il-Qorti ma jidhrilhiex li, ghalkemm kien hemm bidla tal-persuna li kienet izzomm il-kotba tas-socjeta` Tal-Blat, seta' kien hemm raguni biex il-konvenut

jiddipartixxi mill-mod kif kien jahdem, cioe` mill-informazzjoni li jaghti ghall-finijiet taz-zamma tal-kotba. Interessanti wkoll dak li xehed Muscat li l-konvenut kien izomm diary. Il-konvenut ma pproduca l-ebda dokument f'dawn il-proceduri in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu li s-somma mitluba fic-citazzjoni kienet ghax-xiri ta' oggetti ghall-kumpanija. Wara kollox l-oneru tal-prova tinsab fuqu.

Barra minn hekk mill-invoices relattivi jirrizulta li l-konvenut iffirmahom minghajr ma ndika li kien qed jaccettahom ghan-nom tas-socjeta` Tal-Blat. Kien kompitu tieghu li, jekk ma kienx qieghed jikkontratta f'ismu proprju juri car u tond lill-attur nomine b'dan u jindikalul-persuna guridika li ghan-nom taghha kien qieghed jagixxi. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Edmond Barbara vs Victor Vella" deciza fit-2 ta' Gunju 1993 (Vol. LXXVII.iv.319), l-allura Qorti tal-Kummerc qalet:

> *"Illi hu principju stabbilit illi fin-nuqqas ta' provi cari li juru l-kuntrarju, min jikkontratta hu prezunt li kkontratta f'ismu stess. Il-mandat ma jistax jigi prezunt anzi skond l-insenjament ta'* **Troplong** *fin-nuqqas ta' provi cari l-mandat ghandu jigi eskluz".*

Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghux jigu milqugha u s-somma mitluba ta' Lm552 ghandha tithallas mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma mitluba ta' Lm552 bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu 2001**

**Numru 61**

**Citaz. numru 404/96 DS**

Peter Bonavia u martu Carmen Bonavia bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha

vs

Josephine mart Joseph Sant, Doris mart Carmel Borg, Mary mart Richard Casha, Carmelo Borg bhala mandatarju tal-assenti John Bonavia u l-istess Joseph Sant, Carmel Borg u Richard Casha bhala kompartecipi tal-komunjoni tal-akkwisti mar-rispettivi zwieghom

Illum, 23 ta' Marzu 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Frar 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-attur Peter Bonavia u l-konvenuti Josephine Sant, Doris Borg, Mary Casha u l-assenti John Bonavia huma ahwa, ulied Carmelo u Rosina konjugi Bonavia;

Illi Carmelo Bonavia miet fid-9 ta' Mejju 1987 (Dok. 1) filwaqt illi Rosina Bonavia mietet fis-27 ta' Frar 1992 (Dok. 2);

Illi l-imsemmija Carmelo u Rosina konjugi Bonavia mietu testati (Dok. 3 sa Dok. 6) u s-successjoni taghhom hija regolata minn testment *unica charta* at-22 ta' Lulju 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor John Tabone Adami (Dok. 7);

Illi a basi ta' dak it-testment, l-attur Peter Bonavia u l-konvenuti Josephine Sant, Doris Borg, Mary Casha u l-assenti John Bonavia gew nominati u istitwiti bhala eredi universali, propjetarji u padruni assoluti tal-gid kollu tal-genituri taghhom, fi kwoti ndaqs bejniethom bis-sostituzzjoni volgari u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom;

Illi d-denunzja tas-successjoni tal-istess Carmelo u Rosina konjugi Bonavia gew debitament presentati u konfermati bil-gurament (Dok. 8) filwaqt li t-taxxa dovuta thallset;

Illi bejn il-kontendenti saret qasma ta' parti biss mill-wirt, filwaqt li l-parti l-kbira tal-wirt, b'mod partikolari l-immobbli, ghadu mhux diviz;

Illi saru diversi tentattivi biex issir din il-qasma izda dawn fallef ghaliex il-kontendenti bl-imgieba taghhom urew li ma riedux jaslu bis-serjeta ghall-qasma;

Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti sahansitra wara li gew notifikati b'ittra ufficjali presentata mill-attur fil-25 ta' Settembru 1995.

talbu li din il-Qorti:

1. tillikwida l-wirt mhux diviz ta' Carmelo u Rosina konjugi Bonavia kif ukoll is-sostanzi derivanti u provenjenti minnu.

2. tiddividi l-wirt f'hames porzjonijiet ugwali u tassenja lill-attur Peter Bonavia u lill-konvenuti Josephine Sant, Doris Borg, Mary Casha u Carmelo Borg noe porzjon ta' wiehed minn hamsa lil kull wiehed minnhom.

3. tiddividi s-sostanzi derivanti u provenjenti mill-istess wirt f'hames porzjonijiet ugwali u tassenja porzjon ta' wiehed minn hamsa lill-atturi Peter u Carmen konjugi Bonavia, porzjon ta' wiehed minn hamsa lill-konvenuti Josephine u Joseph konjugi Sant, porzjon ta' wiehed minn hamsa lill-konvenuti Doris u Carmel konjugi Borg, porzjon ta' wiehed minn hamsa lill-konvenuti Mary u Richard kionjugi Casha u porzjon ta' wiehed minn hamsa lill-konvenuti Carmel Borg noe.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippublika l-att tal-qasma fil-jum, hin u lok li jigu stabbiliti minn din il-Qorti u kuraturi biex jirrapresentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 1995, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

In linea preliminari Carmen Bonavia ma ghandiex interess fil-gudizzju u in kwantu c-citazzjoni giet minnha proposta ghandha tigi michuda;

Illi Joseph Sant, Carmel Borg personalment u Richard Casha ma ghandhomx interess fil-kawza u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Fil-mertu illi huma ma jopponux ruhhom ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-ereditajiet in kwistjoni salv il-verifika tal-assi u tal-kwoti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Settembru 1996 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Joseph Jaccarini bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-21 ta' Gunju 2000;

Rat il-verbal tat-12 ta' Lulju 2000 fejn dehru Dr. Joseph Zammit McKeon u l-Prof. Ian Refalo li rrimettew ruhhom ghar-rapport bil-fakolta` lill-konvenuti li jipprezentaw nota dwar ir-ripartizzjoni bejn il-partijiet;

Rat li ma giet ipprezentata l-ebda nota;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-ewwelnett jinghad li l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti huma gustifikati stante li hawn si tratta ta' divizjoni ta' proprjeta` derivanti mill-wirt tal-genituri ta' l-ahwa Bonavia u li ghalhekk in-nisa jew l-irgiel taghhom m'ghandhom l-ebda sehem minnu; tali proprjeta` inoltre ma tidholx biex tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Issa permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jitolbu li ssir id-divizjoni tal-proprjeta` immobiljarja derivanti mill-wirt ta' Carmelo u Rosina konjugi Bonavia, li hallew bhala eredi universali taghhom lill-hames uliedhom Peter Bonavia (l-attur) u l-konvenuti Josephine Sant, Doris Borg, Mary Casha u John Bonavia. Dwar il-konsistenza ta' l-assi hemm qbil u tikkonsisti fil-proprjeta` elenkata fir-rapport ta' l-A.I.C. Joseph Jaccarini kif minnu stmata, u cioe`:

1. Il-fond bl-isem ta' "Speranza", 25 Triq l-Imsida, Santa Venera, stmat **Lm81,000**.
2. Il-fond 96 Triq l-Annunzjata, Santa Venera, stmat **Lm9,000**.
3. Il-garage 48 Triq il-Barrieri, Santa Venera, stmat **Lm21,000**.

4. Il-fond 48A Triq il-Barrieri, Santa Venera, stmat **Lm15,000**.
5. Il-fond bl-isem "Ivy", 32 Triq is-Soll, Santa Venera, stmat **Lm18,000**.
6. Il-fond bl-isem "My Nest", 3 Triq iz-Zonqor, Santa Venera, stmat **Lm23,000**.
7. Ic-cens annwu u perpetwu ta' Lm8 fuq "Lourdes House", Misrah il-Barrieri Road, Santa Venera, kapitalizzat fis-somma ta' **Lm160**.
8. Ic-cens annwu u perpetwu ta' Lm5 fuq "Ave Maria House", Misrah il-Barrieri Road, Santa Venera, kapitalizzat fis-somma ta' **Lm100**.
9. Ic-cens annwu u perpetwu ta' Lm17.95 fuq "Sta Teresa House", Triq Vivion, Santa Venera, kapitalizzat fis-somma ta' **Lm359**.
10. Ic-cens annwu u perpetwu ta' Lm16.18 fuq "Denfil House", Triq Vivion, Santa Venera, kapitalizzat fis-somma ta' **Lm362.60**.
11. Ic-cens annwu u perpetwu ta' Lm12.50 fuq "Lincoln u Lino House", Triq Vivion, Santa Venera, kapitalizzat fis-somma ta' **Lm250**.
12. Ic-cens annwu u perpetwu ta' Lm9.60 fuq "San Gwann House", Triq Vivion, Santa Venera, kapitalizzat fis-somma ta' **Lm192**.

Din il-proprjeta` ghandha b'hekk il-valur totali ta' **Lm168,423.60** u kull sehem imissu ghalhekk **Lm33,684.72**.

Il-perit tekniku ppropona pjan ta' divizjoni li permezz tieghu tnejn mill-proprjetajiet hawn imsemmija jibghu indivizi bejn tliet eredi, u cioe` l-fond "Speranza" 25 Triq l-Imsida, Santa Venera, li huwa vakanti, u l-fond 48A, Triq il-Barrieri, Santa Venera, li hu mikri lil terzi. Ippropona wkoll li billi hemm tliet proprjetajiet li jinsabu diga` f'idejn zewg eredi stante li kienu mikrijin lilhom mill-genituri taghhom stess bhala postijiet ta' residenza u bhala post fejn wiehed mill-eredi jezercita negozju, dawn il-proprjetajiet ghandhom jigu assenjati lilhom, u cioe` s-sehem numru 4 lill-attur Peter Bonavia u s-sehem numru 5 lill-konvenuta Mary Casha. L-

ishma l-ohra ghandhom jittellghu bix-xorti bejn it-tliet eredi l-ohra peress li hemm cnus differenti f'kull sehem. Il-pjan minnu propost huwa ghalhekk is-segwenti:

**<u>Porzjon Numru 1</u>**

| | |
|---|---|
| **(1) Terz (1/3) mill-fond "Speranza", 25 Triq l-Imsida, Santa Venera** | **Lm27,000** |
| **(2) Terz (1/3) mill-fond 48A Triq il-Barrieri, Santa Venera** | **Lm 5,000** |
| **(3)Ic-cens fuq il-fond "Denfil", Triq Vivion, Santa Venera** | **Lm362.60** |
| | **Lm32,362.60** |
| **Jiehu b'ekwiparazzjoni mis-sehem numru 4 ………………** | **Lm 1,322.12** |
| **Valur totali** | **Lm33,684.72** |

**<u>Porzjon Numru 2</u>**

| | |
|---|---|
| **(1) Terz (1/3) mill-fond "Speranza", 25 Triq l-Imsida, Santa Venera** | **Lm27,000** |
| **(2) Terz (1/3) mill-fond 48A Triq il-Barrieri, Santa Venera** | **Lm 5,000** |
| **(3) Ic-cens fuq il-fond "Sta Teresa", Triq Vivion, Santa Venera** | **359** |
| | **---------------** |
| | **Lm32,359** |
| **Jiehu b'ekwiparazzjoni mis-sehem numru 4 …** | **1,325.72** |
| | **-----------------** |
| **Valur totali** | **Lm33,684.72** |
| | **--------------** |

**Porzjon numru 3**

| | |
|---|---|
| **(1) Terz (1/3) mill-fond "Speranza", 25 Triq l-Imsida, Santa Venera …** | **Lm27,000** |
| **(2) Terz (1/3) mill-fond 48A Triq il-Barrieri, Santa Venera …………..** | **5,000** |

(3) Ic-cens fuq il-fond “Ave Marija”, Misrah il-Barrieri, Santa Venera .. 100

(4) Ic-cens fuq il-fond “Lincoln u Lino”, Triq Vivion, Santa Venera ….. 250

-----------------

Lm32,350

Jiehu b’ekwiparazzjoni mis-sehem numru 4 ………………… 1,334.72

-----------------

Valur totali Lm33,684.72

-----------------

**Porzjon numru 4**

(1) Il-garage 48 Triq il-Barrieri, Santa Venera …………………………Lm21,000

(2) Il-fond “Ivy”, 32 Triq is-Soll, Santa Venera ……………………….. 18,000

-----------------

Lm39,000

Jaghti b’ekwiparazzjoni lill-ishma l-ohra b’kollox ………………… 5,315.28

-----------------

Valur totali Lm33,684.72

-----------------

**Porzjon numru 5**

(1) Il-fond 96 Triq l-Annunzjata, Santa Venera ……………………….. Lm 9,000

(2) Il-fond “My Nest”, 3 Triq iz-Zonqor, Santa Venera ………………. 23,000

(3) Ic-cens fuq il-fond “Lourdes”, Misrah il-Barrieri Rd, Sta Venera … 160

(4) Ic-cens fuq il-fond “San Gwann”, Triq Vivion, Santa Venera 192

-----------------

Lm32,352.00

Jiehu b’ekwiparazzjoni mis-sehem numru 4 ………………… 1,332.72

Valur totali Lm33,684.7

----------------

-

Ghad-divizjoni kif proposta mill-perit tekniku ma saret l-ebda oggezzjoni mill-partijiet, anzi kif diga` gie osservat aktar ‘il fuq, fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2000 id-difensuri taghhom irrimettew ruhhom ghar-rapport. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, stante li tidher li hemm l-akkwijexxenza tal-partijiet ghad-divizjoni kif proposta, il-Qorti qed tadotta l-pjan sottomess mill-perit tekniku u tghaddi biex tiddeciedi t-talbiet attrici a bazi ta’ l-istess pjan.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi:

(1) tillikwida l-wirt mhux diviz ta’ Carmelo u Rosina konjugi Bonavia fil-proprjeta` fuq elenkata bin-numri 1. sa 12.,
(2) tordna d-divizjoni ta’ tali proprjeta` fil-hames porzjonijiet ugwali fuq riportati,
(3) tordna li l-porzjon numru erbgha (4) jigi assenjat lill-attur Peter Bonavia, li l-porzjon numru hamsa (5) jigi assenjat lill-konvenuta Mary mart Richard Casha u li t-tliet porzjonijiet ohra jigu assenjati wara d-debita sortegg wiehed kull wiehed lill-konvenuti l-ohra Josephine mart Joseph Sant, Doris mart Carmel Borg u John Bonavia kif rapprezentat,
(4) tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Saydon biex jippubblika l-att tal-qasma bejn il-partijiet kif fuq indikat fis-27 ta’ April 2001 fil-11.30 a.m. fl-edifizzju tal-Qorti jew f’tali jum, hin u lok alternattiv li, fuq rikors ta’ xi hadd mill-partijiet, jigi approvat mill-Qorti, u tinnomina lill-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez tal-kawza kif ukoll dawk tan-Nutar u tal-kuratur li jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur